MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 465/2010

**Vodafone Malta Limited**
**(C - 10865)**

**vs**

**Noel Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenut bhala debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ hames mija u hmistax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€515.28), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru 99890422.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta' qbid numerat 2916/09 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ipprezenta nota ta' ammissjoni fl-24 ta' Mejju, 2010.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Gialadarba li l-konvenut irregistra ammissjoni fl-atti ta' dina l-kawza, dan it-Tribunal jikkonferma t-talbiet attrici kif dedotti u ghalhekk jiddikjara lill-konvenut debitur fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames mija u hmistax-il ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€515.28), rapprezentanti prezz ghal servizz ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------